**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Settembru 2019**

Kawza Numru: 26/2018MS

Go plc

vs

Debra Ann Johnstone

It-Tribunal

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici pprezentat fis-16 ta' Ottubru 2018, fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna lil konvenuta thallasha s-somma ta' sebgha mija u tnejn u erbghin Euro u centezmu bilanc dovut fuq il-kont numru 40518481 relattiv ghal servizz ta' mobile phone bin-numru 79678008 (Doks A u B).

Ra illi l-konvenuta debitament notifikata bil-procedura tal-affissjoni u publikazzjoni ma ressqet l-ebda risposta u lanqas ma deheret quddiem dan it-Tribunal biex taghti x-xhieda taghha.

Ra illi fil-24 ta' Mejju 2019 il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-provi li kien hemm.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentanta tas-socjeta' attrici li qalet illi l-ammont kollu kien ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ikkunsidra

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap 380) jiprovvdi espressament fl-Art. 9 (2) li gudikatur ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jitwalx iktar minn seduta wahda;

Imbaghad l-Art 13(b) tal-istess Att jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut ……

Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu. Tali dispozizzjoni naturalment m'ghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali.

Fil-kaz odjern, jidher li ghalkemm l-konvenuta giet debitament notifikata, la ressqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni jew spjegazzjoni ohra li b'xi mod turi li dak li ntqal mis-socjeta attrici m'ghandhiex mis-sewwa.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-socjeta attrici rnexxielha tipprova t-talba taghha filwaqt li l-konvenuta ma ressqet l-ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' €742.01 bl-imghaxijiet legali kif mitluba mid-data tas-sentenza. Spejjez a karigu tal-intimat.

Dr Michela Spiteri LL.D.
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*